KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

ID-DISA' LEĠISLATURA

MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

LAQGĦA NUMRU 36 – IT-TNEJN, 28 TA' SETTEMBRU 2026 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

	Dominic Cassar	Sindku
	Pauline Vella Critien	Viċi Sindku
	Carmelo Pace Taliana	Kunsillier
	Anthony Mifsud Bonnici	Kunsillier
	Norbert Dalli	Kunsillier
	Salvu Debono	Kunsillier
	Noel Dimech	Kunsillier
	Claire Calleja Zammit	Kunsillier
	Javier Caruana	Kunsillier
	Trevor Fenech	Kunsillier (Minority Leader)
Skużatl	Joan Farrugia	Kunsillier

Talba

1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Is-Sa Joan Farrugia talbet tiġi skużata.

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ħadd ma kellu xi jżid fuq il-minuti. 5.1 – dawk l-ammonti ġew verifikati mas-supplier u dawk huma l-prezzijiet ta‘ 2026.
Fuq 6.1 – il-kelma rikonoxxuti ma kinitx personali iżda għall-fini amministrattivi.
Ħadd iktar ma kellu xi jżid. Ippropona Norbert Dalli, issekonda Anthony Mifsud Bonnici.

3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Claim ta’ ħsara Ġnien Sta. Margerita

Is-Sindku nfurmahom li l-insurance aċċettat din it-talba u l-kunsill ħallas l-aċċess ta’ EUR350 u l-bqija tal-ispiża ser tiġi koperta mill-insurance.

3.2 Communal Reserved Parking

- Is-Sindku ikkomunika talba għal żewġ spazji riżervati għan-nies b’diżabbilta’. Is-Sur Fenech, talab li l-vot m’għandux ikun fuq hekk għaliex dawn irid ikun hemm raġunijiet validi sabiex dawn ikunu ġustifikati u mhux sempliċiment ismijiet.

- Is-Sindku qal li waħda minnhom hi ġustifikata. Is-Sur Fenech qal għala t-talba daħlet bħala komunali, meta hemm żewġ ismijiet indikattivi. Minħabba nuqqas ta’ informazzjoni dwar dawn it-talbiet ma kienitx possibli tittieħed deċiżjoni.

- Qbil unanimu li s-Seg Eżekuttiv ser iġġib iktar kjarifika qabel tittieħed deċiżjoni mill-mejda.

3.3 Lifelong Learning Courses

- Kollha ġew aċċettati skont dak li kien deċiż. Il-korsijiet imsemmija: Maltese Bobbins, Maltese as a Foreign Language u Crochet.

3.4 Ħsarat tal-karozzi

- Il-kunsill irċieva xi rapport dwar ħsarat fil-karozzi li saru f’xi toroq. Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill iżomm il-pożizzjoni tiegħu li dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-kunsill.

4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

4.3 Anthony Mifsud Bonnici

- Il-parkeġġ ta' quddiem il-Kunsill għal min hu?
- Is-SE ikkonfermat li l-vannijiet mikrijin mill-kunsill għandhom ikunu pparkjati hemm, għal ħin qasir dan il-parkeġġ jista' jintuża minn vetturi alternattivi, imma priorita' tingħata l-vannijiet.
- Il-baġit tal-Club 55+ ikun eksluż għalih u mhux għall-attivitajiet kollha tal-anzjani. Is-Sindku qallu li ħadd qatt ma żammu milli jorganizza attivitajiet irrelevanti min-nefqa u min għamilha. Is-Sur Mifsud Bonnici ikkonferma dan. Dan il-baġit jista' jiġi rivedut lejn l-aħħar tas-sena
- Il-ħarġa t'Ottubru ser issir buffet breakfast.
- Is-Sur Fenech, qallu li l-ewwel kien hemm qbil bejn is-Sur Mifsud Bonnici u s-Sur Pace Taliana sabiex dawn jaqsmu l-attivitajiet għall-anzjani u issa qed imur kontra dan il-qbil.

4.4 Pauline Vella Critien – Aġġornament fuq il-Binja

- Is-SE ikkonfermat li kien hemm komunikat bejn il-kunsill u l-perit ġie sottomess brief report u ser jibdew isiru xogħlijiet fuq pjanti ġodda skont il-brief report u rakkomandazzjonijiet tekniċi tal-esperti, sabiex ikun jista' jiġi sottomess permess ġdid. Fis-7 t'Ottubru għandu jiġi s-surveyor sabiex jagħmel xi spezzjonijiet meħtieġa fuq xi partijiet tal-art.

4.5 Trevor Fenech – it-Tabelli ta 35Km/h fi Sliema Road.

- Min ħa d-deċiżjoni li jsiru l-ispeed guns hemm? Norbert Dalli qallu li hu kien li ddeċieda li jbiddel it-tabelli minn dawk li kienu diġa' qegħdin hemm u hu mexa skont it-talbiet tal-Community Police.
- Is-Sur Fenech, jekk ir-residenti talbu speed camera, talbu t-35Km/h? Le, għax hemm iktar traffiku. Hemmhekk it-tabella tindikalek li għandek speedgun.
- Is-Sindku għadda din għall-vot, taqblu li għandhom jitneħħew l-ispeed limit signs? Qbil unanimu li din titneħħa kompletament.

4.6 Claire Calleja – Ħamiem

- Talbet li l-kunsill jara x'jista' jsir sabiex il-ħamiem jitnaqqsu mil-lokalita'. Ser jinġiebu dawn il-kjarifiki biex il-kunsill jimxi skont il-proċedura.

4.7 Norbert Dalli – L-attivitajiet tal-Milied

- Kien hemm qbil bejn kulħadd li jsir villaġġ tal-Milied wieħed u jsir f'daqqa bejn l-għaqdiet, dan ser isir l-iskola, wara diskussjonijiet u d-dati bejn it-18 u 19 ta' Diċembru. Qed ninvolvu t-tfal. Bejn wieħed u ieħor il-baġit jaf ikun iktar mis-soltu dak ta' EUR15,000. Fil-laqgħa li jmiss ser jitlob li jittieħed il-vot.

Pauline Vella Critien talbet li tiġi skużata fis-18:18

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 30

5.3 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, ippropona l-iskeda tal-pagamenti Salvu Debono u ssekonda Lino Pace Taliana. Kien hemm qbil unanimu.

6 Rapport tas-Sottokumitat (anness)

6.3 Il-Kunsillier Lino Pace Taliana informa li l-Kappara sar it-tarmac u resurfacing u saru tabelli ġodda.

6.4 Il-Bozza f'tarf Antonio Schembri tweħlet ser tiġi installata dalwaqt. Triq il-Gardell ġiet magħluqa ħlief għar-residenti sakemm titlesta.

6.5 Bdew il-preparamenti fuq il-Milied, tiżjin, kor u żfin. Qed jipproponu żewġ dati it-28 u 29 ta' Novembru sabiex ikun hemm lok għall-opportunita' jekk ikun il-maltemp. Il-mixegħla ta' San Ġwann 27 ta' Novembru. Ser ukoll jibdew jaraw il-possibilta' li tinxtara siġra u pasture ġodda tal-Milied.

6.6 Zebra Crossing viċin l-Ecco shoe shop. Is-Sur Fenech qal li hemmhekk ser titkompla max-xogħlijiet li ser jitkomplew ma' Sliema Road. Talab sabiex possibilment jibdew bil-preparamenti tad-dawl, sabiex din tkun tista' titweħħel mill-aktar fies. Fejn id-downtown zebra cross tista' ttajjar bniedem faċilment, hemmhekk ser issir belisha light.

6.7 Il-korsijiet tal-Mcast u applikaw 17-il ruħ. Is-Sena l-oħra t-trasport kien b'xejn. Kien hemm qbil unanimu li t-trasport għandu jiġi offrut b'xejn.

6.8 Il-ħarġa li jmiss Għawdex nhar it- 22 t'Ottubru.

7 Ġemellaġġi

7.3 Is-Sur Norbert Dalli, informa l-mejda li hemm diskussjonijiet dwar żewġ avvenimenti. Ġemellaġġ Comiso, Sqallija u Partnership Capoterra, Sardegna.

7.4 Talbitna l-assoċjazzjonijiet li hawn f'San Ġwann, bħal baned, scouts u għaqdiet oħra. Kien hawn wieħed mis-surmasti li kien hawn u dawn għandhom 4 baned u kien hemm diskussjoni dwar dan is-suġġett. Ir-rappreżentanti tal-għaqdiet, jattendu għal dawn.

7.5 Bilfors irid ikun hemm similaritajiet bejn dawn iż-żewġ postijiet sabiex ikun hemm xi ħaġa in komuni bejniethom. Dawn isiru skont tiġix aċċettata l-applikazzjoni tal-EU Funds.

7.6 Is-sajf ser jiġi eskluż, u probabilment tkun f'xi data f'Ottubru.

8 SPI/SCI/07/2026- Finanzjament Attivitajiet Kulturali

8.3 Is-SE infurmat lill-mejda li l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali għas-sena d-dieħla kienet inħarġet. Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu japplika għal din l-iskema sabiex jorganizza l-attivita' annwali tas-sajf, b'kunċert u attivitajiet għar-residenti kollha. Din l-attivita' għandha ssir fit-23 ta' Lulju 2027.

Il-laqgħa spiċċat fis-18:55 u l-laqgħa li jmiss se ssir fid-19 t'Ottubru fil-17:30

Iffirmati

Gaynor Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmati

Dominic Cassar
Sindku